**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 261/2023 SFJ**

**ELMO INSURANCE LIMITED (C 3500)**

**VS.**

**OWEN EBEJER (K.I. 0325499M) U**

**JOSEF EBEJER (K.I. 0225205L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-3 ta' Awissu 2023 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

- *"Is-soċjeta' Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fl-Arbitraġġ fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et vs. Elmo Insurance Limited" (M6347/2022), deċiż miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fit-8 ta' Marzu 2023, is-somma komplessiva ta' elfejn, seba' mija u erbgħa w tmenin ewro u sebgħa w disgħin ċenteżmu (Eur 2,784.97),* in linea *ta' danni imgħax, spejjes ġudizzjarji u VAT, kif kienet kostretta u obbligata tagħmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta fil-vesti tagħha ta' assikuratur konċernat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni OHC 015;*

- *Ġara li, fit-23 ta' Mejju 2021, fi Triq Dun Karm, Birkirkara, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni OHC 015, propjeta' tal-intimat Owen Ebejer, misjuqa mill-intimat Josef Ebejer, u assikurata mis-soċjeta' rikorrenti, sfat involuta f'inċident awtomobilistiku, fejn ħabtet mall-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECG 348, propjeta' ta' terzi;*
- *Fuq l-iskorta tal-fatti w ċirkostanzi tal-inċident, is-soċjeta' rikorrenti kellha fil-pussess tagħha biżżejjed evidenza sabiex tavża lill-intimati illi huma kienu kisru l-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tagħhom skont l-istess polza, u dan in vista tal-fatt illi l-intimat Josef Ebejer ma kienx persuna awtorizzata sabiex isuq il-vettura de quo, liema vettura setgħet tinstaq biss mill-intimat Owen Ebejer, hekk kif speċifikament indikata fil-polza għall-fini ta' kopertura;*
- *Di piu', jirriżulta li, fid-data tal-inċident awtomobilistiku in dezamina, l-istess Josef Ebejer kien minorenni u għalhekk ma kellux liċenzja tas-sewqan;*
- *Għaldaqstant l-intimati kienu preklużi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi inċident;*
- *Is-soċjeta' rikorrenti inter alia wissiet lill-intimati, permezz ta' ittra uffiċjali tal-10 ta' Jannar 2022, bil-konsegwenzi kollha li kienu se jġarrbu minħabba l-inadepjenza kontrattwali tagħhom fil-każ li jiġu stitwiti proċeduri ġudizzjarji mit-terz (kif ukoll mill-assikurazzjoni tiegħu, debitament surrogata minnu), una volta kienu sodisfatti fil-konfront tal-istess soċjeta' rikorrenti d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;*
- *Is-soċjeta' rikorrenti ma setgħetx ma tħallasx lit-terz u dan peress illi kieun fil-fatt sodisfatti l-imsemmija dispżizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt għamlet;*
- *Di piu' konsegwenza tal-imsemmija proċeduri arbitrali li ġew istitwiti direttament kontra s-soċjeta' rikorrenti Elmo Insurance Limited, l-istess soċjeta' inkorriet spejjes ġudizzjarji, fl-ammont komplessiv ta' mitejn u erba'ewro u tmienja w sebgħin ċenteżmu (Eur 204.78), inkluż il-VAT, skont it-taxxa relattiva;*
- *L-intimati għandhom, għalhekk, iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont komplessiv ta' elfejn disa' mija u disgħa w tmenin ewro u ħamsa w sebgħin ċenteżmu (Eur 2, 989.75);*
- *Is-soċjeta' rikorrenti interpellat lill-intimati għal ħlas tal-ammont hawn fuq riferut u dan permezz ta' ittra uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, datata 20 ta' Marzu 2023. Peress illi l-intimati baqgħu inadempjenti, kellhom jiġu stitwit l-proċeduri odjerni;*
- *In vista tal-premess, dan l-Onorabbli Tribunal għandu għalhekk jiddikjara illi l-intimati kisru l-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tagħhom skont l-istess polza, u jikkundannahomm sabiex, solidament bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija u disgħa w tmenin ewro u ħamsa w sebgħin ċenteżmu (Eur 2, 989.75).*

Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 2023, u bl-imgħax legali b'effett mill-20 ta' Marzu 2023 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

**It-Tribunal ra l-konvenuti kienu t-tnejn notifikati fis-17 ta' Awissu 2023 u li skont il-proċess ma kienu ppreżentaw l-ebda risposta.**

**It-Tribunal kien ordna li fis-seduta sussegwenti jisma' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' attriċi u għalhekk kienet inżammet seduta oħra fl-24 ta' Ottubru 2023.**

**Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet**

- It-Tribunal osserva li fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023, Dr. Alessa Zammit Mc Keon, b'rappreżentanza legali tas-soċjeta' attriċi, xehdet taħt ġurament, fejn hi kkonfermat illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tas-soċjeta' attriċi ta' elfejn, disa' mija u disgħa w tmenin ewro u ħamsa w sebgħin ċenteżmu (Eur 2,989.75) u li ma kien sar l-ebda ħlas;
- Illi l-każwa, mbagħad ġiet diferita għas-sentenza għal-31 ta' Ottubru 2023;
- Illi t-Tribunal għandu fiduċja fl-istess xhieda li ngħatat mir-rappreżentant legal tas-soċjeta' attriċi.

It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita l-veraċita ta' din ix-xhieda.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

Wara li ra d-dokumenti relattivi kif ukoll sema' x-xhieda ta' Dr. Alessia Zammit Mc Keon għan-nom tas-soċjeta' attriċi, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidu sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi is-somma elfejn, disa' mija u disgħa w tmenin ewro u ħamsa w sebgħin ċenteżmu (Eur 2,989.75) bl-imgħaxx legali, b'effett mill-20 ta' Marzu 2023 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll tal-ispejjes ta' din il-proċedura, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjal datata 20 ta' Marzu 2023.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**